**Ruling mogħti mis-Sedja fis-seduta tat-Tlieta, 4 ta' Frar 2014 fuq talba tal-Onor. David Agius**

Fis-seduta tal-bieraħ, it-Tnejn, 3 ta' Frar 2014, l-Onor. David Agius talab lis-Sedja:

> "Sur President, qed nitlob *ruling* għall-fatt illi nhar is-Sibt li għadda l-kollega tiegħi l-Onor. Joseph Cassar, li qiegħed ħdejja u se nitolbu wkoll jispjegalek is-sitwazzjoni, tkellem maċ-*Chairman* tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja, l-Onor. Anthony Agius Decelis, fejn talbu biex ilaqqgħu l-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja. Għalissa se nieqaf hawnhekk u se nitlob lill-Onor. Joseph Cassar biex jispjega x'ġara, imbagħad inkun nista' ngħidlek ir-*ruling* fuqhiex inhu."

Hawnhekk qam l-Onor. Joseph Cassar li qal hekk:

> "Mr Speaker, fil-kontest li fil-Kamra tar-Rappreżentanti dalwaqt tibda tiġi diskussa fil-Kumitat Permanenti dwar il-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi, il-Liġi tal-Unjoni Ċivili, jiena ħassejt illi l-Kumitat tal-Affarijiet tal-Familja kellu jisma' lill-Professur Angela Abela li hija Kap tad-Dipartiment tal-Istudji tal-Familja ġewwa l-Università ta' Malta, fil-fakultà tas-Social Wellbeing fuq dan is-suġġett. Dan huwa suġġett li din il-fakultà qiegħda tistudja bir-reqqa u nemmen li fuq suġġett bħal dan kellhom jiġu u jinformaw lill-Kamra fuq l-analiżi tagħhom. L-Onor. Anthony Agius Decelis mill-ewwel qabel miegħi u wkoll ħass li kienet xi ħaġa importanti u grazzi għalih f'temp ta' sagħtejn nirċievu mingħand is-Sur Stephen Grech *email* uffiċjali li bażikament tgħid li llum fis-6.30 p.m. kellu jiltaqa'

l-Kumitat tal-Affarijiet tal-Familja sabiex jiddiskuti dan is-suġġett. L-għada filgħodu tikkonferma wkoll *tramite email* il-Professur Angela Abela u lbieraħ filgħaxija mbagħad nirċievu *email* mingħand is-Sur Stephen Grech li tgħid li l-Kumitat tal-lum bażikament ġie mħassar għal data oħra għaliex ma kienx hemm *quorum*. Jien ħassejt li l-affarijiet m'għandhomx isiru hekk, speċjalment meta kien hemm qbil bejn l-Oppożizzjoni u n-naħa tal-Gvern u nemmen fermement li din il-laqgħa kellha ssir qabel jibda l-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi, għaliex naħseb li l-Parlament għandu jisma' lill-Università ta' Malta u x'għandha xi tgħid."

Wara li spiċċa l-Onor. Joseph Cassar, l-Onor. David Agius qal hekk:

"Mr Speaker, l-Onor. Claudette Buttigieg ukoll iltaqgħet mal-Onor. Anthony Agius Decelis, *Chairman* ta' dan il-kumitat u *verbatim* qalilha: Iva, għada se jiltaqa' l-kumitat. U jien nixtieq nirreferik għall-*email* li għadu kif semma l-Onor. kollega tat-2 ta' Frar fil-4.45 p.m., fejn kienet tgħid:

> "Għadni kemm ġejt informat miċ-*Chairman* tal-Kumitat li l-laqgħa ta' għada mhijiex se ssir minħabba nuqqas ta' *quorum*."

Jiena, Mr Speaker, nitolbok *ruling* biex tgħidilna jekk tistax laqgħa tiġi mħassra għaliex mhux se jkun hemm *quorum* fil-futur, jiġifieri l-laqgħa li kellha ssir it-Tnejn fis-6.30 p.m. bi qbil bejn iż-żewġ naħat tiġi mħassra għax m'hemmx *quorum*."

Hawnhekk intervjena l-Onor. Carmelo Abela li qal hekk:

"Mr Speaker, naħseb li talbiet ta' din ix-xorta qabelxejn għandhom isiru bil-miktub kif diġà sar il-ġimgħa li għaddiet jew ta' qabel, fejn membru min-naħa tal-Oppożizzjoni kiteb lil *chairperson* ta' kumitat ieħor biex jiddiskuti ċertu *issue*, dan għamilha bil-miktub, qamet fil-kumitat rispettiv fejn din telgħet bħala korrispondenza u issa tkompli minn hemmhekk biex tittieħed deċiżjoni jekk l-*issue* mitluba minn Onor. Membru ieħor titlax għad-diskussjoni jew le, kif fil-fatt qablu f'dak il-kumitat. Dik hija l-ewwel konsiderazzjoni li talbiet ta' dan it-tip m'għandhomx isiru *over the phone* u ngħid jien anke fil-*weekend*, imma għandhom isiru bil-miktub.

It-tieni konsiderazzjoni – u naħseb li inti, Mr Speaker, a konoxxenza tagħha wkoll, anzi bla dubju ta' xejn a konoxxenza tagħha – hija li fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra kien hemm qbil li fuq l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Unjoni Ċivili l-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi se jagħti s-saħħa lill-persuni interessati u allura ż-żewġ naħat tal-Kamra kellhom jippreżentaw il-listi tagħhom ta' persuni jew għaqdiet li huma jixtiequ li jistiednu għal dan il-kumitat, biex bil-permess tal-membri preżenti - u l-*intendere* huwa li kif kien fil-House Business Committee il-permess jingħata – fuq kull klawsola li tkun qed tiġi diskussa, persuni li jkunu mistiedna jattendu jagħtu l-*input* tagħhom. Naturalment l-avviż għal-laqgħat tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi ħareġ nhar il-Ħamis li għadda, jiġifieri qed nitkellmu qabel id-dati li ssemmew minn naħa tal-Oppożizzjoni. Sa dakinhar ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għall-avviż.

Il-membri kollha li huma appuntati miż-żewġ naħat tal-Kamra rċevew l-avviż tal-laqgħa tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi għal-lum u anke għal għada u ma narax għalfejn din it-talba min-naħa tal-Oppożizzjoni. Fil-futur ma jżomm xejn lill-Kumitat għall-Affarijiet tal-Familja biex jiddiskuti kull *issue* li għandha x'taqsam u li taqa' taħt ir-*remit* ta' dan il-kumitat, anzi dan il-kumitat twaqqaf apposta biex jiġu diskussi dawn l-*issues*, imma jiġu diskussi mhux b'mod li *over the weekend* nipprovaw nagħmlu xi ħaġa, ma nafx għal liema raġuni, imma jiġu diskussi b'mod aktar serju."

Hawnhekk l-Onor. David Agius reġa' qal hekk:

"Mr Speaker, ir-*ruling* li qed nitolbok jien huwa jekk tistax tiġi mħassra laqgħa *verbatim*. Il-laqgħa ta' għada mhijiex se ssir minħabba nuqqas ta' *quorum*. Jekk laqgħa tal-Family Affairs Committee jew kull kumitat ieħor tistax titħassar għaliex *chairman* jgħid li ma tistax issir minħabba nuqqas ta' *quorum*."

L-Ordni Permanenti tal-Kamra 120H li bis-saħħa tiegħu huwa mwaqqaf il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja jgħid hekk:

"(1) Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja jkollu l-funzjoni li jittratta l-materji kollha marbuta mal-familja inkluża l-evalwazzjoni, analiżi u verifika tal-leġiżlazzjoni u politika preżenti u futura dwar il-familja, u kull materja oħra li tiġi riferita lilu mill-Kamra jew mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

(2) Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja jkun magħmul minn ħames membri, tlieta jiġu maħtura min-naħa tal-Gvern fosthom il-president tal-Kumitat, u tnejn min-naħa tal-Oppożizzjoni.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (3) tal-ordni permanenti 120E japplikaw *mutatis mutandis* għall-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja."

M'hemmx dubju li t-talba li saret mill-Onor. Joseph Cassar biex issir laqgħa ta' dan il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja sabiex tinstema' l-Prof. Angela Abela, li hija l-Kap tad-Dipartiment tal-Istudji tal-Familja fl-Università ta' Malta, fil-Fakultà tas-Social Wellbeing, fuq suġġett li ċertament huwa relatat mal-familja, kienet talba ġustifikata, tant li l-istess Chairman tal-Kumitat, l-Onor. Anthony Agius Decelis qabel miegħu, kif qal l-Onor. Joseph Cassar, u wkoll organizza biex issir din il-laqgħa. Tant hu hekk, li fi żmien sagħtejn minn xħin saret it-talba mill-Onor. Joseph Cassar ħareġ l-avviż tal-laqgħa.

Huwa veru wkoll li fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra kien hemm qbil, kif qal ben tajjeb l-Onor. Carmelo Abela, li ż-żewġ naħat tal-Kamra kienu se jingħataw id-dritt li jippreżentaw listi ta' persuni jew għaqdiet interessati u li huma jixtiequ jistiednu għal-laqgħat tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi li se jiddiskuti l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Unjonijiet Ċivili. Bil-permess tal-membri tal-Kumitat, dawn il-persuni li jiġu mistiedna jkunu jistgħu jagħtu l-*input* tagħhom fuq kull klawsola li tiġi diskussa. Dan intqal għal-laqgħat tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi li kienu se jsegwu. Fil-fatt l-avviż għal-laqgħa tal-istess Kumitat ħareġ nhar il-Ħamis, 30 ta' Jannar 2014, cjoè qabel

ma l-Onor. Joseph Cassar għamel il-proposta biex jiltaqa' l-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja, liema proposta saret fl-1 ta' Frar 2014.

Hawnhekk donnha daħlet il-kwestjoni ta' liema waħda tiġi qabel l-oħra, jew liema Kumitat għandu jsir qabel l-ieħor, jew *ossia* li t-tnejn isiru imma jiġu onorati l-ġranet miftehmin.

Is-Sedja tagħmel referenza għad-deċiżjoni mogħtija mill-Onorevoli Speaker Michael Frendo fis-seduta 260 tal-11 ta' Ottubru 2010, fejn kien intqal hekk:

> "...minn mindu twaqqfu u bdew jitħaddmu l-Kumitati Permanenti tal-Kamra, il-prassi kostanti fil-Kumitati tal-Kamra kienet li jkun il-President ta' Kumitat li joħroġ l-Aġenda għax-xogħol tal-Kumitat. Hija stil ta' President minn ieħor jekk il-President jikkonsultax mal-membri tal-Kumitat qabel ma jfassal din l-Aġenda jew jinterpretax huwa stess l-importanza tad-diskussjoni ta' ċerti temi għall-Kumitat innifsu. Iċ-*Chairman* għandu r-responsabbiltà li jara li l-Kumitat jiltaqa' u jagħmel il-ħidma tiegħu u ma' din ir-responsabbiltà jġorr ukoll ir-responsabbiltà għall-ħruġ tal-Aġenda.
>
> Għalhekk iċ-*Chairman* jidher li għandu l-fakultà li joħroġ l-Aġenda tal-Kumitat li huwa jippresiedi. Naturalment huwa għaqli li kull *Chairman* dejjem ifittex *consensus* fuq tali aġenda, li fiha jista' jinkludi wkoll anki *items* li xi membru tal-Kumitat ikun talab li jiġu diskussi."

Fost dokumenti oħra li s-Sedja fliet biex tkun tista' tagħti dan ir-*ruling*, is-Sedja qrat l-*email* li ntbagħtet fit-3 ta' Frar 2014 lill-membri tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja fejn intqal hekk:

"Onorevoli Membri,

Qed ngħaddilkom l-aġenda tal-Family Affairs Committee li se ssir nhar it-Tnejn, 3 ta' Frar fis-6.30 p.m. Din il-laqgħa qed issir fuq talba tal-Oppożizzjoni bi qbil maċ-Chairman tal-Kumitat, l-Onor. Anthony Agius Decelis. Għal din il-laqgħa se tkun preżenti l-Prof. Angela Abela, li hija Head of Department of Family Studies in the University of Malta.

Mibgħuta mill-Committee Clerk tal-Family Affairs Committee and Social Affairs Committee."

Fl-istess ġurnata ntbagħtet *email* oħra li taqra hekk:

"Għadni kemm ġejt informat miċ-Chairman tal-Kumitat li l-laqgħa ta' għada mhix se ssir minħabba nuqqas ta' *quorum*. Dati oħra mħabbra aktar 'il quddiem."

Ir-ruling li ntalab huwa dwar l-email li ntbagħtet fejn il-Membri ġew informati li l-laqgħa tal-Kumitat dwar l-Affarijiet tal-Familja ma kienx se jsir minħabba li ma kienx hemm kworum. Irid jingħad mill-ewwel li l-kliem użat huwa wieħed infeliċi għall-aħħar għaliex l-ebda Chairperson ma jista' jgħid li m'għandux kworum kemm il-darba ma jkunx iltaqa' l-kumitat. Fil-fatt fir-ruling diġa ċitat mogħti mill-Onor Michael Frendo fis-seduta nru 260 tal-11 ta' Ottubru 2010, kien qal hekk:

"Għalhekk malli ma jkunx hemm kworum iċ-*Chairman* irid minnufih jaġġorna għal data oħra."

Dan ifisser li biex jirriżulta hemmx kworum jew le, il-laqgħa trid tkun bdiet jew waslet biex tibda u għaldaqstant ma seta' qatt jiġi dikjarat minn qabel li ma kienx hemm kworum.

Wieħed jista' jifhem li dan il-kliem intuża għaliex possibilment iċ-Chairperson irriżultalu li mhux se jkollu Membri biżżejjed biex imexxi l-laqgħa, imma n-

nuqqas ta' kworum seta' jiddikjarah biss meta effettivament jibda jiċċerja l-laqgħa.

Għalhekk il-punt imqajjem mill-Onor David Agius għandu jingħata konsiderazzjoni fis-sens li m'għandux ikun hemm deċiżjoni taċ-Chairman li jasal b'mod arbitrarju għall-konklużjoni li m'hemmx kworum meta l-laqgħa tkun għadha ma saritx.

Wieħed irid jara wkoll il-prerogattiva li toħroġ mill-istess responsabbiltà taċ-Chairperson li hija diskussa wkoll fl-Erskine May (23ed) f'paġna 796 ċitat fir-ruling li ngħata fis-seduta nru 28 tal-4 ta' Ġunju 2013:

> "*Order in debate in a committee is enforced by the Chairman as he is responsible for the conduct of its business and no appeal from his decision should be made to the Speaker*".

Dan ma jfissirx li Chairman m'għandux b'mod jew ieħor jasal f'konsensus mal-istess Membri tal-kumitat dwar it-tfassil tal-aġenda u li jipprova jara li jkun hemm ftehim u l-kunsens bejn l-istess Membri biex il-laqgħa ssir. F'dan ir-rigward ma jidhirx li kien hemm xi malintiż min-naħa taċ-Chairman, tant li wassal biex din il-laqgħa b'xi mod tiġi organizzata fl-iqsar żmien possibbli kif kien diġà miftiehem mal-istess Onor Joseph Cassar u l-Onor Claudette Buttigieg.

Is-Sedja min-naħa l-oħra:

qiegħda tara l-importanza li qiegħda tiġi mogħtija biex il-Professur Anġela Abela, bħala Kap tad-Dipartiment tal-Istudji tal-Familja fl-Università ta' Malta fil-fakoltà tas-Social Wellbeing, tagħti l-kontribut tagħha lil dan il-kumitat;

qiegħda tara wkoll li l-kontribut tal-Professur Abela għandu x'jaqsam direttament mal-Abbozz ta' Liġi dwar l-Unjonijiet Ċivili li qed jiġi diskuss fil-Kumitat Permanenti dwar il-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi;

u għalhekk qiegħda tissolleċita lill-Membri tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja kif ukoll lill-Membri tal-Kumitat Permanenti dwar il-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi biex isir ftehim bejn il-partijiet biex meta

tibda tiġi konsiderata l-klawsola fl-Abbozz ta' Liġi dwar l-Unjonijiet Ċivili fejn huwa ta' importanza li tagħti l-kontribut tagħha l-Professur Abela, id-diskussjoni fuq din il-klawsola tiġi sospiża sakemm tagħti l-kontribuzzjoni tagħha l-Professur Abela biex b'hekk imbagħad tkun tista' titkompla d-diskussjoni fil-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

Is-Sedja qiegħda tagħmel dan l-appell biex b'hekk ix-xogħol tal-Kamra jibqa' miexi kemm fil-kumitati kif ukoll fil-plenarja. B'hekk inkunu qegħdin inżewġu l-interessi ta' kull membru f'dan il-Parlament biex jingħata spazju għall-kontribut ta' kull wieħed u waħda minna anke fix-xogħol tal-kumitati tal-Kamra.